MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 42/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Christopher Mallia**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Mallia talli f'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-garaxx li jifforma parti mir-residenza 10, Triq il-Fenici, Mosta nhar-il 24 ta' Marzu 2007 ghall-habta ta' 20.00 hrs:

(1) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd ihallas dejnu, jew esegwixxa obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi

hadd fil-pussess ta’ hwejgu, jew hatt bini jew kisser il-mixi tal-ilma jew ha l-ilma ghalih jew b’xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor;

(2) Ingurja bi kliem lil Alfred Mallia li jigi missier Christopher Mallia u r-ragel ta’ Emanuela Mallia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 ta’ Frar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Christopher Mallia hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 85 u 339(e) tal-Kodici Kriminali kkundannatu multa ta’ mitt Euro (€100) ghall-ewwel imputazzjoni u canfira u twiddiba ghat-tieni imputazzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Christopher Mallia pprezentat fl-14 ta’ Frar 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni u gie kkundannat ghal twiddiba u canfira, tikkancella, thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta’ mitt euro (€100) u konsegwentament tilliberah minnha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Christopher Mallia huwa illi mill-assjem tal-provi l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni peress illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ *ragion fattasi* huma neqsin u peress illi l-garaxx in kwistjoni jifforma parti mid-dar li hija proprjeta` parafernali ta’ Emanuela Mallia li allura tista’ taghti permess lill-appellant biex jipparkja fl-istess garaxx.

Ix-xiehda mismugha mill-gdid minn din il-Qorti tista’ tigi riassunta kif gej:

**Alfred Mallia** xehed li bhalissa ghaddej minn proceduri ta’ separazzjoni u fid-dar matrimonjali ghandu karozza “bejn il-familja” li qieghdha ggaraxxjata u ghandu karozza tieghu li x’hin jigi mix-xoghol ikun jista’ jdahhalha fil-garaxx. Qal li omm l-appellant tatu pussess, ghandu zewg karozzi u kull darba li x-xhud jigi biex idahhal il-karozza, isib karozza hemmhekk. Qal li l-karozza hi taghha u ghamlitha fuq isem l-appellant “biex jibqghu jidhlku l-impiki”. Dwar il-gurnata in kwistjoni qal li hu gie biex idahhal il-karozza tieghu u l-appellant ma jkunx iridu jdahhalha. Mistoqsi jekk hu ma jkunx jista’ jdahhal il-karozza tieghu ghax ikun hemm id-drive-in mblokkata, ix-xhud wiegeb li le izda ghax l-appellant idahhal il-karozza tieghu fil-garaxx. Qal li l-appellant xtara wahda u martu kellha ohra li ghamlitha fuq isem it-tifel. Qal li l-appellant jghix fl-istess dar u l-problema mhix gejja minnu izda ghax ommu ggeghlu kontra tieghu. Skond ix-xhud, l-appellant jghidlu li ghandu l-power minn ommu u li “hawnhekk inti ma ghandek xejn”. Gieli dahhal il-karozza tieghu meta martu u ibnu jkunu qed juzawhom it-tnejn, izda l-hin tax-xoghol tieghu naqra antipatiku u ghalhekk ma jistax jasal mix-xoghol u jghid ha jmur idahhalha. Il-garaxx jesa’ zewg karozzi. In kontro-ezami, mistoqsi jekk fil-gurnata in kwistjoni rax lill-appellant isuq il-karozza wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi jekk hux minnu li dakinhar l-appellant ma dahhalx il-karozza hu fil-garaxx, ix-xhud wiegeb li dejjem gol-garaxx. Qal li l-garaxx jesa’ zewg karozzi, hemm wahda tal-familja bla numri u peress illi hemm zewg karozzi ohra, ix-xhud qatt ma hu se jsib post ghax l-appellant johrog wahda u jdahhal l-ohra. Mistoqsi mill-gdid jekk dakinhar rax lill-appellant idahhal il-karozza fil-garaxx jew jekk sabhiex hemm, wiegeb li hu l-karozzi dejjem isibhom hemm u li hu qatt ma ghandu cans li jsib post. Dwar l-akkwist ta’ l-art, jaqbel li fil-kuntratt dehret martu izda d-dar bnieha hu minn butu.

**L-appellant Christopher Mallia** xehed li fil-gurnata in kwistjoni wasal id-dar u missieru kien qieghed gewwa isajjar. Missieru qabadlu argument fuq ommu, ix-xhud

ipprova jwaqqfu izda missieru baqa' sejjer u ghalhekk ix-xhud qabad u telaq. Ommu ma kinitx id-dar u ghalhekk kienet qed tuza karozza. Ix-xhud qal li hu ghandu zewg karozzi li xtara hu, Maruti u Polo. U l-Maruti tuzaha ommu. Ommu kienet tuza karozza mixtrija fiz-zwieg qabel izda meta nbdew proceduri ghal separazzjoni, missieru fferocja u hadilha l-karozza, tefaghha fil-garaxx, qalaghlha rota u n-*number plates*. B'hekk fil-garaxx karozza wahda ohra tista' tiddahhal. Ix-xhud qal li hu kemm kemm idahhalha l-karozza ghax ma tantx ikun id-dar. Meta jasal id-dar, il-bicca l-kbira jsib l-karozza ta' missieru fir-rampa. L-appellant qal li ommu kienet tatu permess biex juza l-post taghha fil-garaxx. Missieru gieli talbu jnehhi l-karozza sabiex idahhal tieghu u x-xhud hekk ghamel. Fil-gurnata in kwistjoni, il-karozza halliha fit-triq meta wasal id-dar. Imbaghad meta telaq, qaghad jistenna lil ommu u dahal id-dar maghha. Fil-garaxx kien hemm il-karozza ta' missieru. Ix-xhud rega' halla l-karozza tieghu fit-triq. Qabel ma nqala' dan l-incident, fejn riedu jghid xi haga kontra ommu, missieru qatt ma kien qallu biex ma jdahhalx il-karozza fil-garaxx. Kien wara dan l-incident li bdew dehlin il-piki.

L-appellant qieghed jappella mis-sejbien ta' htija tar-reat ta' *ragion fattasi*. Biex jikkonfigura ruhu dan ir-reat, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:
"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta),

1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Mill-provi jirrizulta li l-membri tal-familja Mallia jippossjedu bejniethom mill-anqas erba' karozzi. Wahda minn dawn il-karozzi ma tintuzax peress illi Alfred Mallia stess iggaraxxjaha, u ghalhekk jibqa' spazju fil-garaxx tad-dar taghhom ghal karozza wahda ohra biss. F'sitwazzjoni bhal din, fin-normalita` ta' l-affarijiet, isir ftehim bejn il-membri tal-familja dwar liema karozza ghandha tigi ggaraxxjata. Izda f'dan il-kaz sfortunatament hemm proceduri ta' separazzjoni bejn il-konjugi Mallia. M'hemm l-ebda dubju li z-zewg konjugi jistghu jiggaraxxjaw il-karozzi li juzaw kif anke t-tifel (l-appellant) galadarba nghata permess minn ommu. Pero` Alfred Mallia, il-kwerelant f'dan il-kaz, ma qalx liema karozza sab iggaraxxjata fil-gurnata in kwistjoni u ma kienx car dwar jekk kienx it-tifel li ggaraxxja l-karozza li jghid li sab fil-garaxx. L-appellant imbaghad jikkontradici lil missieru u jghid li dakinhar meta wasal id-dar missieru kien diga` hemm u kien qieghed isajjar fil-kcina. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-ewwel element – li effettivament jirrispekkja l-kliem ta' l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali – **"… jew ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta hwejjgu … jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor …"** – hu karenti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu multa ta' mitt euro (€100) u minflok tiddikjarah mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni u minnha tilliberah, u tikkonfermaha fil-bqija.

---

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------